MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2310/2000/1

**Dame Francoise Tempra**

***Versus***

**Anthony Manduca f'ismu *proprio* u bħala editur tal-ġurnal *The Malta Independent on Sunday***

Din il-kawża hija dwar libell famuż.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'ittra bl-isem *"Biennale" in Paris* fuq il-firma ta' Mr Brunswick, li tibda bil-kliem "*When I read the report on Mme Tempra's Biennale … … …*" u tispiċċa bil-kliem "*… … … whose interests are her own, not Malta's*" , li dehret fil-ħarġa ta' l-14 ta' Novembru 1999 tal-ġurnal *The Malta Independent on Sunday*, ġew attribwiti lill-attriċi fatti determinati u malafamanti bil-ħsieb biss li jesponuha għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku u li joffendu l-unur u l-fama tagħha, bi ksur tal-Liġi ta' l-Istampa [Kap. 248].

Billi dehrilha illi, taħt l-art. 28 ta' dik il-liġi, għandha jedd li tmexxi kontra l-konvenut biex titlob danni ta' mhux aktar

minn ħamest elef lira (Lm5,000), l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut waħdu għandu jwieġeb għad-danni għar-raġunijiet imfissra fuq; u

2. għalhekk tikkundannah iħallas lill-attriċi danni ta' mhux aktar minn ħamest elef lira (Lm5,000), flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hija meħtieġa korrezzjoni fl-isem tal-gazzetta kif muri fuq iċ-ċitazzjoni; wara li din il-korrezzjoni saret b'dikriet ta' l-24 t'April 2001[1], ma hux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni;

2. l-ittra miġjuba fil-gazzetta ntbagħtet lill-eċċipjent minn persuna magħrufa minnu, li taf l-affarijiet tagħha u li tgħix f'Pariġi. Fl-ittra ma hemm xejn inġurjuż: meta tqis illi fin-nofs hemm l-*image* ta' pajjiżna u li l-attriċi hija persuna pubblika li tirrappreżenta l-interessi ta' Malta f'Pariġi, il-kummenti li saru huma permissibbli f'soċjetà demokratika; u

3. fil-21 ta' Novembru 1999 fil-gazzetta nġiebet tweġiba mill-attriċi; hija għalhekk ingħatat id-dritt li twieġeb u tirribatti jew tirrettifika dak li kien pubblikat dwarha, u għalhekk seħħet tpaċija għax f'din l-ittra l-attriċi "tħallset b'idejha":

How refreshing to be hated by someone new! The tiresome derisory epistolary endeavours by the (now defunct) *People* columnists or by some other "born-to-bite" writers of the dailies found a legacy from a no less disreputable heir! … … …

L-artikolu li dwaru qiegħda tilmenta l-attriċi igħid hekk:

When I read the report on Mme Tempra's Biennale in Paris I reached the conclusion that she must have held it in some other city. I went to the "opening" at the appointed time (7pm), only to find about 40 persons browsing, a plastic glass of wine in hand, over a motley "collection" of paintings and sculptures, of arguably very low quality, in a bazaar-like atmosphere where people sold clean-air contraptions and cheap costume jewellery. The disservice to the image of Malta by this so-called

---

[1] *Fol*. 16.

"Biennale" merits serious attention by the Ministry of Education and Culture.
This non-event was another attempt to boost further Mme Tempra's already considerable "persona" whose interests are her own, not Malta's.
L-ittra fiha stqarrija ta' fatti — li fil-wirja organizzata mill-attriċi kien hemm biss erbgħin ruħ jixorbu l-inbid minn tazza tal-*plastic* f'post fejn jinbiegħu apparat li jnaddaf l-arja u *costume jewellery* rħisa — u stqarrijiet ta' opinjoni: li l-oġġetti fil-wirja kienu ta' kwalità baxxa ħafna, li l-atmosfera kienet qisha ta' *bazaar*, u li l-ġrajja kollha twaqqa' l-isem ta' Malta. Hemm ukoll l-allegazzjoni li l-wirja saret mhux biex ixxandar l-isem ta' Malta iżda biex ixxandar il-persuna ta' l-attriċi.
Mix-xhieda mressqa mill-attriċi u mhux kontradetta mill-konvenut ħareġ illi l-wirja saret f'ambjent prestiġjuż, u illi fost in-nies li marru għall-wirja kien hemm ukoll personaġġi magħrufa.
Fil-fehma tal-qorti, għalkemm mill-ittra tieħu l-impressjoni illi l-okkażjoni kienet xi waħda irrisorja waqt illi jidher illi kienet xi ħaġa aktar serja u prestiġjuża, ma hemm xejn, fl-ewwel paragrafu, għallinqas, illi ma jistax jitqies bħala l-opinjoni leġittima tal-kittieb ta' l-ittra. Tista' tkun opinjoni mogħmija bil-preġudizzju, u jista' jkun ukoll illi l-kittieb huwa filistew, iżda b'hekk l-opinjoni ma ssirx illeċita, għax il-kittieb għandu kull jedd illi jagħti l-fehma tiegħu dwar il-wirja organizzata mill-attriċi, ukoll jekk dik il-fehma hija żbaljata jew ma taqbilx mal-fehma ta' l-attriċi.
Aktar serja hija l-allegazzjoni magħmula fit-tieni paragrafu, fejn jingħad illi l-attriċi għandha motivi ulterjuri għax, fil-waqt illi tagħti x'tifhem illi torganizza l-*Biennale* fl-interess ta' Malta, biex tagħmel magħruf l-isem ta' pajjiżna f'kuntest kulturali, tinqeda bl-okkażjoni biex ixxandar isimha. Din l-allegazzjoni, fil-fehma tal-qorti, hija malafamanti għax tattribwixxi motivi diżonesti lill-atriċi waqt illi mix-xhieda ħareġ ċar illi l-interess ta' l-attriċi huwa dak ta' meċenate ta' l-arti f'pajjiżna u mhux illi tonfoħ il-fama tagħha.
Madankollu, il-ħsara li l-ittra għamlet lill-fama ta' l-attriċi hija anqas milli setgħet kienet, għax it-ton stess, x'aktarx isteriku, ta' l-ittra juri nuqqas ta' oġġettività fil-kittieb, u dan iwassal lil min jaqra l-ittra biex jifhimha *cum grano salis*.

Il-ħsara setgħet kompliet titnaqqas li kieku kienet pubblikata l-ittra li kitbet l-attriċi bi tweġiba għal dik li dwarha saret il-kawża, kif, wara kollox, tgħid it-tielet eċċezzjoni.  L-ittra ta' l-attriċi, iżda, kienet ċensurata mill-konvenut, li ħalla barra l-parti fejn l-attriċi fissret l-attivitajiet tal-*Biennale* biex turi illi, kontra dak li tgħid l-ittra ta' "Mr Brunswick", hija okkażjoni ta' prestiġju, u għalhekk it-tpaċija jew "kompensazzjoni" msemmija fit-tielet eċċezzjoni ma seħħitx għal kollox.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi bl-ittra ta' "Mr Brunswick" miġjuba fil-ħarġa ta' l-14 ta' Novembru 1999 tal-ġurnal *The Malta Independent on Sunday*, ingħatat malafama lill-attriċi, tillikwida d-danni għall-malafama fis-somma ta' mitt lira (Lm100) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------